# IL-PRESEPJU MIRAKOLUZ.

Il-kultura tal-presepju tal-Milied kellha gheruq profondi fi familja ta' Marija. Sa mill-bidu ta' Settembru missierha kien jibda' jhejji biex jarma presepju kbir hafna fil-garaxx tieghu, biex in-nies tar-rahal tkun tista' izzurhu u tammirah. U din il-kultura Marija kienet deciza li tizrahha fil-familja taghha meta hija zzewget li Giovann.

Ta' kull sena hija kienet tarma fil-kcina presepju zghir li kienet rebhet meta kellha sitt snin. Il-genituri taghha kienu haduha biex tippartecipa fil-purcissjoni tal-Bambin Gesu' organizzata mill-membri tas-Socjeta' tad-Duttrina Nisranija. Is-superjura kienet qassmet biljetti lil kull participant tifel u tifla. In-numru tal-biljett taghha kien 25. "Kumbinazzjoni", qalet lil ommha. "In-numru huwa d-data tal-Milied."

"Dak in-numru zgur igiblek il-*good luck*," qaltilha ommha minghajr ebda hsieb li bintha tista' tirbah.

U haga ta' l-ghageb, donnha ommha kienet profeta, ghax meta tela' l-ewwel numru kien il-25. U meta semghetu taret qisha vlegga minn gol-qaws biex tircevih minghand is-superjura.

Dan kien presepju sabih hafna u mahdum bis-sengha. Kellu dar fuq zewg livelli u quddiem il-bieb kellu passagg li jiehdok ghal tarag li jwasslek ghal go ghar. L-ghar fuq gewwa nett kien iservi ta' maqjel biex sid id-dar jaqfel il-merhla tieghu



fil-waqt li fil-gemb ta' l-ghar kien jerfa' xi ghodda u tiben u ghalf iehor ghal annimali. Fin-nofs kellu maxtura biex l-annimali jieklu mill-ikel ta' go fiha.

Qabel ma tathulha, is-superjura Rita qaltlilha l-istorja tieghu: "Marija zomm f'mohhok din l-istorja. Guzeppi u Marija kienu ilhom ihabbtu hafna bibien biex forsi xi hadd jaghtihom kenn, izda hadd ma ried ithom kenn jew taht skuza jew ohra. Fl-ahhar meta kienu waslu fit-tarf ta' Betlem, habbtu din id-dar."

U wrietha d-dar tal-presepju. U kompliet Rita:

"Sid id-dar qam u mar fetah it-tieqa filwaqt li bil-herra qalilhom: Issa hin li thabbtu l-bibien. U qallu Guzeppi: Habib

tista taghtina ftit tal-kenn ghal dan il-lejl ghax marti Marija waslet biex twelled it-tarbija taghha. Wiegeb ir-ragel bl-istess ton ta' herra: Ma ghandix lok, biss jekk tridu kenn inzlu minn dak it-tarag u issibu ruhkom go ghar. Tistghu toqghodu ghal dan il-lejl. U taghmlulix hsara."

Guzeppi u Marija nizlu fil-ghar. U hemm Marija welldet it-tarbija Gesu' u qeghditu f'maxtura. Ftit wara gew ir-rghajja biex jaghmlu zjara lill-Bambin Gesu' tarbija mqieghed f'maxtura, kif kien habbrilhom l-anglu. L-ghada filghodu ir-ragel nizel fil-ghar biex jara li kollox hallew kif kien. Baqa' ftit mistghageb ghax flok riha ta' annimali kif is-soltu kien ixomm beda' jxomm riha tfuh li bhala qatt ma kien xamm. Tard filghodu wiehed mir-rghajja li zar lil Gesu' qal bl-ahbar tat-twelid tal-Messija lil Natan. U skanta hafna dan ir-rghaj kif Natan ma nizilx jara wkoll il-Messija. Ir-raguni kienet li nghas tqil hafna waqa' fuq Natan u tant raqad fil-fond li tilef dik l-okazzjoni tant sabiha u unika. Kien kollu tort tieghu ghaliex kellu qalbu iebsa mas-Sagra Familja, hekk li ma kienx jisthoqqlu d-dehra tal-Messija ghaliex Gesu' jfittex biss nies umli. Qis Marija, li inti tkun dejjem ta' qalb tajba ma' kulhadd ghax kulhadd huwa l-proxxmu taghna. Mur issa Marija mal-papa' u l-mama' u gawdi il-Milied." U filwaqt li xtaqet il-festi t-tajba lill-genituri ta' Marija, Rita, is-superjura wasslithom sal-bieb.

Alla bierek iz-zwieg bejn  Maria u Giovann permezz ta' tarbija tifla li semmewha Vjoletta. Meta tfarfret minn tarbija u setghet tifhem xi ftit it-tifsira tal-Milied, Maria kienet tohodha quddiem il-presepju li zmien hafna qabel

kienet rebhet u tirrakontalha bi kliem semplici l-istorja tat-twelid ta' Gesu' Bambin. Kienet l-istess storja li Marija kienet semghet minghand is-superjura Rita qabel din tatha il-presepju.

"Vjoletta," qaltilha ommha," qed taraha dik id-dar," filwaqt li ippuntatilha subghajha lejn l-unika dar tal-presepju. Fiha kien joqghod wiehed ragel jismu Natan u martu Rut. Guzeppi flimkien ma' Marija habbtu hafna bibien biex forsi xi hadd joffrilhom kenn billi Marija kien waslilha iz-zmien li twelled lil Gesu'. Hadd ma accetthom, min taht skuza u min taht ohra. Kienu waslu hdejn din id-dar, li kienet l-ahhar wahda fit-tarf tar-rahal ta' Betlem. Guzeppi habbat meta kien diga dalam. Natan qam mis-sodda u martu Rut imxiet warajh, lejn it-tieqa, it-tnejn libsin mantell biex ma johdux rih meta Natan jiftah it-tieqa. "

"Xi tridu?" ghajjat Natan.

U Guzeppi wiegbu: " Jahasra tini kenn ghall-lejl wiehed biss ghax marti Marija waslilha iz-zmien li twelled it-tarbija."

Natan kollu rabja qallu " Post ma ghandix. U issa hin li thabbat il-bieb meta jiena mistrieh ma' marti. Itlaq."

Rut minn warajh qaltlu biex ikollu ftit tal-hniena. Izda Natan ma riedx jisma'. Imma rega' bdielu, fetah it-tieqa mill-gdid u ghajjat: " Hawn inti Guzeppi, hux Guzeppi ghidt li jismek, jekk trid, ibqa' niezel it-tarag ta' quddiem id-dar taghna, hemm ghandi ghar fejn inzomm xi annimali, u jekk trid tista' issib kenn hemm. U ara li ma taghmillix hsara," qallu Natan qabel ma ghalaq it-tieqa.

Martu Rut qaltlu kelmtejn talli kien qalbu iebsa ma' tnejn minn nies fil-bzonn.

Guzeppi ghamel kif qallu Natan u meta sabu ruhhom fil-ghar, dahlu 'l gewwa kemm setghu biex ikunu ghal l-irdoss.

Giovann kien joqtol ghall-kazin tar-rahal. Mhux ta' b'xejn Giovann rabba' namra kbira ghalih, ghaliex meta missieru kien imur il-kazin, kien igorru mieghu.

Meta sab jahdem dahal membru u erhilu jahdem bla heda biex igib 'l quddiem isem il-kazin. Il-hidma tieghu disinteressata ghall-kazin gibdet l-attenzjoni tal-membri u l-kumitat u meta kien kemm l-elezzjoni ghall-kumitat gdid Giovann sab ruhu segretarju.

Martu Marija ma tantx hadet pjacir b'din il-kariga u qaltlu li kien ser jahli hafna hin fix-xoghol tal-kazin u jabbanduna lill-familja, l-aktar lil Vjoletta, li fl-eta' taghha tant kellha bzonn il-konfort ta' missierha.  Wissietu wkoll li ghad jasal zmien li jiddispjacih mill-kariga ghax ta' madwaru jduru kontrih "bhalma ma' daru kontra Kristu" kienet tispicca tghidlu.

"Billi l-President, il-kaxxier u l-assistant segretarju ma humiex konfoffa wahda. Taf li dawk huma mill-istess familja u jinghaqdu flimkien kontrik."

Imma Giovann baqa' sod fil-fehma tieghu.

Giovann dahal ftit tard mix-xoghol, mar jinhasel u telaq bla telf ta' zmien ghall-laqgha tal-kumitat.

“Anqas ser tiekol? “ staqsietu martu.

“ Le, ghax ser nasal tard. Imma ara halli nixrob dik il-kikkra kafe’ u nhaffef.”

“Iva anke waqt il-granet tal-Milied, ma tieqfux?”

“Din l-ahhar laqgha ghal din is-sena, u l-lum irridu niehdu decizzjoni. Imbaghad nieqfu ghal hmistax u nergghu wara it-Tre Re. U sa dak in-nhar ma irridx nara xoghol aktar tal-kazin. Kollni taghkom inkun.”

“ Issa naraw,” qaltlu martu.

L-Istatwa titulari tar-rahal kienet ser taghlaq 150 sena u l-kazin ried jaghmel mill-marc tas-siegha okazzjoni li tibqa’ tissemma. Il-kumitat kien tal-fehema li qabel il-festa jaghmel gabra mar-rahal biex ikopri l-ispejjes billi flok banda wahda kien ser ikun hemm zewg baned u xi naqra nar zejjjed kien ser ikun hemm ukoll.

“Le,” qalilhom Giovann,” ma tarawx li ser nahbtu difrejna mal-kumitat ta-Nar u l-Kumitat tal-festa Nterna u Esterna tal-Knisja.”

Dan id-diskors ma ntghogobx u kemm il-president, l-kaxxier u l-assistant segretarju haduha kontrih. “ Mela meta trid li naghmlu l-gabra fi zmien il-Gimgha l-Kbira? Mhux qrib il-festa meta l-entuzjazmu jibda’ jinhass u joktor!”

“Nghidilkom li ser ikollna l-inkwiet. U fuq kollox in-nies ikunu diga taw sehemhom lil tan-Nar u lil tal-Festa, kemm jifilhu

jikkontribwixxu. In-nies tar-rahal ma humiex xi negozjanti jew industrialisti."

U argument igib lil iehor u kelma wara l-ohra, il-qiha sahnet hekk li ma setghax jintlahaq kompromess. Xi kelma li twegga' intqalet ukoll u anke xi kliem mhux f'postu hargu minn fomm dawk li kienu favur. U jekk kien hemm xi haga li Giovann kien jobghod kien id-dagha.

F'sahna kbira u wiccu ahmar nar qam hadha kontra taghhom qatta bla habel.

"L-ahwa l-ahjar li nispicca minn hawn b'wicc il-gid. Ili nahsibha dwar ir-rizenja tieghi minn segretarju ghax hlief oppozizzjoni ma rajtx ma' wicci. Jiena qed nghidilkom verbalment li minn dan il-hin irrezenjajt. L-Ittra nibghatilkom bil-miktub ghada."

"Tghid il-Kazin mhux ser jaghlaq il-bibien ghax ser titlaq," qallu l-President.

"Da zgur li mhux ser jaghlaq il-bibien anzi jhallihom miftuha berah ghal dak l-miskin li ser jokkupa dan is-siggu. Imma ghalija z-zewg bibien huma maghluqa. Sahha hbieb."

U bla kliem u sliem telaq il-barra.

Baqa' sejjer dritt id-dar. Martu Marija skantat kif dahal daqshekk kmieni meta s-soltu jidhol hafna tard. "Tlaqt mill-kariga. Irrezenjajt. Ma flahthomx izjed. Tassew kif kont ghidtli inti. Kemm ahjar li smajt minnek dak in-nhar u mhux issa," tarrfilha Giovann.

"Fejn hi t-tifla? Nixtieq li nitkellem ftit maghha."

Resaq lejn il-kamra ta' Vjoletta u mill-bieb imbexxaq seta' jara' u jisma' lil bintu titkellem mas-Sagra Familja fil-presepju.

"Ommi qaltli li missieri huwa marid. Qatt ma ratu fis-sodda. Izda jekk inhu hekk, O Gesu' fejqu. Hu hsiebu. Jiena nafda fik." Qamet u kienet ser tidhol fis-sodda. Missierha habbtilha u hija qaltlu li jista' jidhol. Marret tigri lejh u tatu bewsa.

"Binti smajtek titlob u nista' nassigurak li Gesu' sema' talbek. Jiena fiqt ghax minn issa 'l quddiem ser inqatta aktar hin mieghek u ma' ommok."

Dak il-hin ommha resqet lejn il-kamra u dahlet gewwa. Giovann qabdilha idejha, u ressaqha lejh u kemm lil martu u lil bintu rasshom mieghu. Kien ilu hafna ma juri dak is-sentiment ta' imhabba lejhom. Dak in-nhar kulhadd raqad kalm.

Ghalkemm id-dirigenti tal-Kazin baghatulhu ittra ta' skuza ghal dak li gara, staqsewh biex jerga' jahsibha. Izda hu l-anqas biss wiegeb. Sabuh xi membri tal-Kazin fit-triq u kellmuh, izda wegibhom li hu ma jerga' qatt lura minn decizjoni tajba li jkun ha. Biss weghedhom li ser jibqa' membru fil-kazin biex jurihom li hu ma kellu xejn kontra il-kazin.

Imma nghiduha kif inhi, ghalkemm baqa' membru qatt ma attenda ghal xi laqghat, jew imqar resaq  lejn il-kazin, anqas biex jiehu birra mal-hbieb veri tieghu.

Baqa' biss membru biex ihallas il-mizata.